**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Anthony Ventura *noe*

*versus*

Kevin James Fenech *noe et*

## Ċitazzjoni - Nullità tal-Ġudizzju u Liberazzjoni mill-Osservanza tal-Ġudizzju - Rapport Ġuridiku

*Il-Korporazzjoni attriċi aġġixiet għal ħlas ta' kreditu. Sentenza fuq eċċezzjoni preliminari fis-sens illi ċ-ċitazzjoni hija rrita u nulla peress li mhuwiex konċepibbli legalment li wieħed jirvanta kreditu kontra persuna kif ukoll kontra persuna oħra "għall kull interess li jista' jkollha" meta l-kreditur suppost li jaf lil min hiegħ u kkonsenja l-merkanzija li tagħha qiegħed jintalab il-ħlas u għalhekk l-eċċipjent għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-*

*ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur. Din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda mill-allura Qorti tal-Kummerċ u l-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata.*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti tal-Kummerċ l-attur *nomine* ppremetta illi kien ħareġ liċenzja favur il-konvenut Nazzareno Fenech *proprio* sabiex dan jixtri u jaħżen prodotti konsistenti fi żjut u *petrol* u prodotti oħra simili, billi għal dawn l-aħħar snin il-liċenzja kienet qiegħda titħaddem mill-konvenut l-ieħor u ċjoè s-soċjetà Nazzareno Fenech Limited; billi l-attur *nomine* biegħ u kkonsenja lill-konvenuti jew min minnhom żjut għal prezz ta' mitejn, erbgħa u erbgħin elf, sitt mija u erbgħa u tletin lira Maltija u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm244,634.65) liema ammont sal-lum għadu l-bilanċ pendenti, kif jirriżulta minn *statement* hawn anness u mmarkat dok. X, billi għalkemm il-konvenuti ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali ddatata 29 ta' April, 1992, huma baqgħu inadempjenti, billi l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut u jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur ta' l-artikolu 167 - 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u billi, fil-fehma ta' l-esponenti, il-konvenuti ma għandhom ebda eċċezzjoni valida x'iressqu għar-rigward, l-istanti qed jannetti ma' dan l-att affidavit immarkat dok. A a tenur ta' l-istess artikolu tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; l-istess attur talab li dina l-Qorti:

Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, b'dispensa għas-smigħ tal-kawża ai termini ta' l-artikolu 167 - 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, iħallsu s-somma ta' Lm244,634.65 rappreżentanti l-bilanċ dovut għaż-żjut mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenuti mill-attur *nomine*;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' *l-ittra uffiċjali ddatata 29 ta'* April, 1992, *ta'* l-affidavit esebit (dok. A) u tal-Mandati ta' Qbid u Sekwestru, *li* qed jiġi pprezentati kontestwalment ma' dan *l-att u* bl-*imgħax* legali mid-data tal-konsenja sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuti nġunti personalment għas-subizzjoni;

Il-konvenut Michael Angelo Fenech, għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Nazzareno Fenech Limited eċċepixxa illi ċ-ċitazzjoni hija rrita u nulla peress li mhuwiex konċepibbli legalment li wieħed jivvanta kreditu kontra persuna kif ukol kontra persuna oħra "għal kull interess li *jista' jkollha*" meta l-kreditur suppost li jaf lil min biegħ u kkonsenja l-merkanzija li *tagħha qiegħed jintalab* il-ħlas *u għalhekk l-eċċipjent għandu* jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur;

Illi, mingħajr preġudizzju tal-premess, hemm pendenti bejn il-kontendenti żewġ kawżi oħra li jolqtu l-meritu ta' din il-kawża u ċjoè **Alfred Fenech għan-nom ta' Nazzareno Fenech Ltd.** ***vs*** **Lawrence *Ciantar noe*** (Ċitaz. nru. 308/88 JDC) u **Alfred Fenech *noe vs* Lawrence Ciantar *noe*** (Ċitaz. nru. 520/88 MB) u għalhekk din il-Qorti għandha *tordna* li t-tlett kawżi għandhom jiġu ttrattati kontestwalment, salv kull provvediment ieħor li jogħġobha tagħti din il-Qorti;

Illi mingħajr preġudizzju tal-premess *u fil-meritu l-*eċċipjent ma għandux jagħti l-ammont mitlub, salv eċċezzjonijiet oħra;

Il-konvenut Nazzareno Fenech eċċepixxa illi t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż *peress* li l-eċċipjent qatt ma ordna ż-żjut imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Il-Qorti tal-Kummerċ, b'sentenza mogħtija fil-25 ta' *Ottubru, 1993, iddeċidiet fuq l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà* konvenuta billi ċaħditha bl-ispejjeż kontra tagħha u ddiferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni għas-seduta tal-31 ta' Jannar, 1994;

*Il-konvenut nomine ħass ruħu aggravat b'dik is-sentenza u* għalhekk interpona appell minnha limitatament għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* dwar l-irritwalità u nullità taċ-ċitazzjoni;

Illi l-Ewwel Qorti apparti li kkondividiet l-opinjoni tagħha ma' l-erba' raġunijiet ta' l-attur ippernjat il-konklużjoni tagħha fuq l-ittra tas-7 ta' Diċembru, 1984, esebita bħala dok. X;

Illi biex isir bejgħ ta' prodotti tal-*petroleum* f'Malta, li huma esklussivament u monopolistikament ikkontrollati mis-soċjetà attriċi tinħtieġ liċenzja li tinħareġ minn Enemalta;

Illi konsegwentement, ħadd ma jista' jbiegħ dawn il-prodotti jekk ma jkollux dawn il-liċenzji;

Illi huwa f'dan is-sens li għandha tiġi nterpretata l-ittra *tas-7 ta' Diċembru, 1984, u ċjoè illi Enemalta rrikonoxxiet fuq* talba tas-soċjetà konvenuta illi hija tkun il-*licence holder* biex tbiegħ il-prodotti in kwistjoni, tant li ġiet imdaħħla kondizzjoni illi din il-liċenzja ma tiġix trasferita lil terzi mingħajr il-kunsens *ta' l-Enemalta;*

Illi dan juri b'mod ċar illi ma kienx ikun hemm tali projbizzjoni kieku l-liċenzja ma kinitx esklussivament mogħtija lis-soċjetà konvenuta;

Illi di più din l-esklussività toħroġ b'mod lampanti fl-aħħar *paragrafu ta' l-imsemmija dokument*;

Illi konsegwentement l-eċċezzjoni ta' l-appellant illi l-attur *kien f'posizzjoni li jkun jaf* kemm *min kien l-operatur tal-liċenzja* kif ukoll *tax-xiri* tal-prodotti, hija sostanzjata;

Illi għalhekk iċ-*ċitazzjoni* kif *magħmula ma tistax treġi* billi Enemalta *kienet ben konxja* ma' min kienet ikkuntrattat u konsegwentement min seta' kien id-debitur tagħha;

Illi għalhekk li ssir ċitazzjoni kontra żewġ debituri distinti b'talba biex jiġi kkundannat "min minnhom" hija rritwali u legalment bla bażi li tirrendi ċ-ċitazz*joni nulla* minħabba konfużjoni u nuqqas ta' kjarezza fil-kawżali taċ-ċitazzjoni;

Għaldaqstant l-appellant talab li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fil-25 ta' Ottubru, 1993, fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi tiġi rrevokata billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni ta' l-esponent *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine* appellat";

L-attur *nomine* appellat wieġeb:

"Illi preliminarjament il-garanti offert mill-*appellanti nomine* mhux idoneu u għalhekk għandu jiġi rifjutat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Illi fil-meritu u *mingħajr* preġudizzju għas-suespost, is-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kontra l-appellant *nomine* u dan għar-raġunijiet segwenti:

Illi fil-petizzjoni ta' l-appell tiegħu l-appellanti *nomine* bbaża ruħu fuq il-fatt li kienet inħarġet liċenzja lil persuna fiżika u ċjoè l-konvenut Nazzareno Fenech *proprio* biex dan ikun jista' jaħżen u jbiegħ prodotti taż-żejt, u għlhekk qed jargumenta l-istess appellanti *nomine*, ħadd ma jista' jkun debitur tal-Korporazzjoni attriċi ħlief dik il-persuna fiżika li favur tagħha tkun inħarġet il-liċenzja;

Illi jidher ċar li tali argumentazzjoni hi żbaljata minnħa nnfisha u ma tistax treġi partikolarment fiċ-ċirkostanzi tal-każ in kwistjoni;

Illi kif ippremetta l-attur *nomine* fiċ-ċitazzjoni tiegħu, il-liċenzja oriġinarjament kienet inħarġet favur il-konvenut Nazzareno Fenech *proprio* iżda f'xi żmien din kienet bdiet titħaddem minn konvenut ieħor u ċjoè s-soċjetà Nazzareno Fenech Ltd.;

Illi dak li espona l-appellant *nomine* dwar li l-attur *nomine* kellu jkun jaf, kemm min kien l-operatur tal-liċenzja, kif ukoll min kien responsabbli għall-ħlas tal-prodotti mibjugħa, ma tistax treġi, u dan għaliex l-istess konvenuti kienu joperaw diversi kontijiet mal-Korporazzjoni u mhux dejjem kienu jħallsu minn kont wieħed iżda kienu jsiru ħlasijiet minn persuni differenti, anke f'xi okkażjonijiet jekk dawn ma kellhom xejn x'jaqsmu man-negozju partikolari;

Illi l-konvenut *nomine* appellant espona li ċ-ċitazzjoni hija nulla stante konfużjoni u nuqqas ta' kjarezza fil-kawżali tagħha u dan minħabba li l-attur *nomine* talab li jiġu kkundannati għall-ħlas il-konvenuti jew min minnhom jiġu kkundannati;

Illi t-talba tal-konvenut *nomine* appellant mhix leċita stante li t-talba ta' l-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni ma timportax

in-nullità tal-proċeduri. Illi kull ma ġara hu li l-attur *nomine* għażel li jintavola proċedura waħda kontra żewġ konvenuti fuq l-istess meritu, li hi mhix biss permessa iżda ukoll mitluba għall-finijiet ta' l-ekonomija tal-ġudizzju;

Illi ammesso che għal grazzja ta' l-argument, wieħed mill-konvenuti ma kellux ikun iċċitat f'dawn il-proċeduri, ir-rimedju spettanti lilu kien li dan jitlob li jkun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju u mhux li jitlob in-nullità tal-proċedura ntiera u fl-istess ħin jgħid li ma hemmx interess ġuridiku kontra tiegħu;

Illi jkun opportun li jiġi ssollevat il-fatt li l-persuna, se mai kompetenti biex tappella dwar in-nuqqas ta' nteress ġuridiku u l-konsegwenti nullità, jekk hekk, kellu jkun Nazzareno Fenech *proprio. Illi dan il-konvenut ma ssollevax din l-eċċezzjoni a tempo debito u għaldaqstant tilef id-dritt ta' appell fuq dan.* Is-soċjetà konvenuta, iżda qed tinterponi appell fuq meritu li ma jirrigwardax lilha u għalhekk l-istess appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż;

Illi b'referenza għan-nota responsiva ta' l-appellat *nomine*, a skans ta' ripetizzjoni, qed jiġi espost ukoll illi l-ebda persuna oħra ma tista' titlob il-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju għan-nom ta' ħaddieħor, illi l-eċċezzjoni tal-konvenut *proprio* mhix inkluża bħala ċirkostanza illi ġġib in-nulità ta' l-atti ġudizzjarji u dan b'referenza għall-artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi d-destinazzjoni tal-konvenut f'ismu proprju "għal kull interess li jista' jkollu" ma ġġibx in-nullità ta' l-att; illi huwa meħtieġ illi ż-żewġ konvenuti jkunu msejħa bħala leġittimi kontradittturi tal-pretensjonijiet attriċi;

Illi għalhekk is-sentenza appellata hi ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kontra l-appellanti *nomine*";

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell, il-Qorti sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Bil-fatt li l-attur *nomine* appellat ħarrek bħala konvenuti fil-kawża kemm lis-soċjetà Nazzareno Fenech Limited kemm ukoll lil Michael Angelo Fenech *proprio* għal kull interess li jista' jkollu, is-soċjetà konvenuta appellanti eċċepiet li b'daqstant iċ-ċitazzjoni hija waħda proċeduralment irrita u nulla "peress li mhuwiex kompatibbli legalment li wieħed jivvanta kreditu kontra persuna kif ukoll kontra persuna oħra għal kull interess li jista' jkollha meta l-kreditur suppost li jaf lil min biegħ u kkonsenja l-merkanzija ...";

Din il-Qorti tibda biex tirrileva li m'hemm xejn ġdid ta' sustanza fl-argumenti mressqin mill-appellanti minn dak li ġie ġà sottomess in iskritt quddiem l-Ewwel Qorti. Jiġi rrilevat li l-eċċezzjoni tan-nullità ma ġietx issollevata miż-żewġ konvenuti imma mis-soċjetà konvenuta Nazzareno Fenech Limited biss. Minbarra dan, jidher ovvju li biex tasal għall-punt in dibattitu l-Korporazzjoni appellata kellha tidħol biex telabora, imqar *prima facie*, fil-meritu tal-vertenza, dwar jekk l-attur kienx f'qagħda mill-bidu li jkun jaf min kien l-operatur tal-liċenzja kif ukoll tax-xiri tal-prodotti. Issa, apparti li l-argument tas-soċjetà konvenuta appellanti huwa miċħud kategorikament mill-kontroparti appellata, lanqas l-Ewwel Qorti ma kkondividiet dak li ssottomettiet is-soċjetà konvenuta appellanti billi hija rriteniet *inter alia* illi:

"... mid-dokument X esebit mill-konvenut Nazzareno Fenech jista' jiġi inferit illi l-liċenzja għall-bejgħ tal-*petroleum products* kienu nħarġu oriġinarjament lill-konvenut Nazzareno Fenech ...;

*Omissis*;

Mhux ċar f'dan l-istadju billi fil-kawża *(sic) jekk* Nazzareno Fench *proprio* inqalax 'il barra għal kollox u minfloku daħlitx is-soċjetà konvenuta jew kien il-każ li Nazzareno Fenech *proprio* baqa' jkollu relazzjoni ġuridika flimkien mas-soċjetà attriċi bħala li tista' topera l-istess liċenzi";

Il-konvenuti xorta waħda jibqgħu f'posizzjoni li 'l quddiem, u meta allura jibda jiġi dibattut u investit il-meritu tal-vertenza, juru li dak li qed isostnu huwa sostanzjat mill-provi, iżda ma jistgħux jippretendu li, darba li l-attur *nomine* appellat deherlu li kellu jħarrek ukoll personalment lil Nazzareno Fenech għall-konvolġiment tiegħu, allura ċ-ċitazzjoni kienet waħda nulla. Id-diċitura "għal kull interess li jista' jkollha" lanqas m'għandha twassal għall-eċċepita irritwalità u nullità. L-appellat jidhirlu, ankorkè jista' jirriżulta bil-maqlub, li l-involviment ta' Nazzareno Fenech *proprio* kien jirrendih passibbli għalbiex tittieħed azzjoni ukoll kontra tiegħu. L-istess konvenut Nazzareno Fenech lanqas biss m'eċċepixxa li mhuwiex il-leġittimu kontradittur. Ma jirriżulta xejn konfuż jew li mhuwiex suffiċjentement ċar fiċ-ċitazzjoni attriċi. Jekk għad jirriżulta fi stadju ulterjuri li tassew Nazzareno Fenech *proprio* kien estraneu għall-operazzjoni kummerċjali *de quo*, allura l-ispejjeż relattivi jista' jkun li jkollu jerfagħhom l-appellat *nomine* iżda żgur mhux każ ta' nullità. Sia għall-appellat biex jipprova x'responsabbilità għandu Nazzareno Fench *proprio* lejh u fl-istess waqt l-istess konvenut għad għandhom kull mezz li jressqu kull prova kuntrarja;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza *in parte*

mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ (illum iddesinjata bħala Prim'Awla tal-Qorti Ċivili) fil-25 ta' Ottubru, 1993, fil-kawża fl-ismijiet *premessi*, *tiċħad* l-appell tal-konvenut *nomine li qed* jidher għas-soċjetà konvenuta Nazzareno Fenech Limited, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant *nomine* u tordna għalhekk li l-atti tal-kawża jiġu mill-ġdid rinvjati minnufih a kariku tar-Reġistratur, quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tkompli tisma' u tiddeċidi l-bqija tal-meritu skond il-liġi.